# ID-DAWL

APRIL 2022

WWW.AHMADIYYA.MT

NUMRU 52

"Alla jixtieq li jagħtikom faċilità u Hu ma jixtieqx tbatija għalikom."



X'inhu s-Sawm? | It-Tfal għandhom isumu? | Il-Grazzja tat-Talb | L-Għan tal-Qima

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# RAMADAN: RIFORMAZZJONI RIVOLUZZJONARJA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

F'April, għal darb'oħra, bil-grazzja ta' Alla li Jista' Kollox, inkunu mbierka bl-opportunità li nsumu fix-xahar qaddis tar-Ramadan. Ir-Ramadan huwa x-xahar li fih il-Musulmani madwar id-dinja jsumu għal xahar sħiħ. Is-sawm huwa r-raba' minn ħames pilastri fundamentali tal-fidi Iżlamika. X'inhu eżattament is-sawm? Huwa eżerċizzju bla għan ta' awsterità jew dixxiplina reliġjuża li jiffaċilita żvilupp morali, fiżiku, u spiritwali? X'inhuma l-għanijiet li l-Musulmani jistinkaw biex jilħqu f'dan ix-xahar?

## X'inhu eżattament is-sawm?

Fil-qosor is-sawm ifisser 'li tastjeni minn kull tip ta' ikel u xorb speċjalment bħala osservanza reliġjuża'. Iżda ġeneralment, is-sawm huwa meqjus mir-reliġjonijiet tad-dinja primarjament bħala mod ta' riflessjoni ġewwiena, taħriġ morali, u avvanz spiritwali. Is-sawm Iżlamiku ma jfissirx biss astensjoni mill-ikel jew mill-ħażen imma li timxi fit-triq tas-sewwa. Ir-Ramadan huwa x-xahar ta' riformazzjoni rivoluzzjonarja ġewwa fina. Dan huwa x-xahar ta' trasformazzjoni minn attivitajiet dinjin lejn l-ispiritwalità u t-tjubija.

**"Intom li temmnu, is-sawm huwa obbligatorju għalikom, bħalma kien għal dawk ta' qabilkom, ħalli tkunu tistgħu ssiru devoti."** (Il-Koran, 2:184)

## ID-DAWL

April 2022 – Numru 52 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

Revolutionary reformation 02
What is fasting? 02
Should children fast? 04
The blessings of prayer 06
The purpose of worship 07

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Mrs_ya | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira




Is-sawm huwa obbligatorju għal kull Musulman adult, madankollu, jekk persuna tkun marida jew tkun qed tivvjaġġa allura m'għandhiex issum matul dak iż-żmien iżda tlesti s-sawm li jifdal wara x-xahar tar-Ramadan. Madankollu, jekk tkun marda fit-tul jew kronika u wieħed ma jistax isum, allura għandha tingħata *Fidya* (karità).

Huwa importanti li niftakru li sempliċement nesperjenzaw u ngħaddu mix-xahar tar-Ramadan mhux biżżejjed; jew sempliċement inżommu s-sawm billi nieklu *Seħri* (l-ikla ta' qabel is-sebħ qabel ma jibda s-sawm) filgħodu u mbagħad nieklu fil-ħin tal-*Iftari* (l-ikla wara s-sawm) filgħaxija. Fil-fatt, flimkien mas-sawm, Alla li Jista' Kollox jikkmanda li nġibu bidla radikali virtuża fina nfusna. Alla li Jista' Kollox ta diversi kmandamenti fir-rigward tas-sawm u tana l-aħbar tajba li meta naġixxu fuq dawn il-kmandamenti, Hu jagħtina l-qrubija tiegħu u jaċċetta t-talb tagħna. Barra minn hekk, is-sawm huwa mezz ta' taħriġ spiritwali, li naġixxu fuq il-kmandamenti ta' Alla, li nsaħħu l-fidi tagħna, kif ukoll mezz biex insaħħu r-relazzjoni tagħna ma' Alla tal-Ħniena.

Jalla dan ir-Ramadan ikun iż-żmien fejn nistgħu nġibu trasformazzjoni straordinarja fir-relazzjoni tagħna mal-Ħallieq u fil-kundizzjonijiet spiritwali tagħna. Ammen.

# IT-TFAL GĦANDHOM ISUMU?


Zurijeta | Shutterstock

Ir-Ramadan – ix-xahar tas-sawm Iżlamiku – ma jġibx biss ferħ u interess lill-adulti iżda wkoll it-tfal iħossuhom motivati ħafna biex jesperjenzaw il-barkiet ta' dan ix-xahar qaddis. Kif għandhom jesperjenzaw it-tfal dan ix-xahar? L-aħjar mod għat-tfal biex jiksbu l-barkiet ta' dan ix-xahar huwa li għandhom ikunu regolari fit-talb tagħhom ta' kuljum, jippruvaw jitgħallmu u jaqraw il-Koran Imqaddes kuljum, jagħmlu għemejjel tajbin, jitgħallmu xi drawwiet tajbin bħall-verità, is-solidarjetà, ir-rispett; ikunu ġentili ma' oħrajn, jagħtu karità, jgħinu lil dawk fil-bżonn, jiffokaw aktar fuq l-ispiritwalità, jitgħallmu dwar ir-reliġjon u jsaħħu r-relazzjoni tagħhom ma' Alla l-Ħanin. F'dak li għandu x'jaqsam mas-sawm għat-tfal, jidher f'ċerti każijiet li anke tfal żgħar inklużi studenti tal-primarja jkunu jixtiequ josservaw is-sawm. Il-mistoqsija hija: it-tfal tal-iskola għandhom isumu waqt l-iskola? It-tfal għandhom isumu matul ir-Ramadan? **X'inhi l-età t-tajba biex tibda s-sawm?**

Jekk nistudjaw sewwa t-tagħlim u l-kmandamenti Iżlamiċi dwar is-sawm insibu li s-sawm mhuwiex obbligatorju fuq it-tfal żgħar, partikolarment meta jkunu qed jikbru u jiksbu l-edukazzjoni tagħhom. It-tfal iż-żgħar żgur li se jsibuha diffiċli biex isumu l-ġurnata kollha waqt li jkunu l-iskola u jridu jiffokaw fuq l-istudji tagħhom. Jista' wkoll jaffettwa t-tkabbir fiżiku tagħhom u jista' jċaħħadhom milli jiffokaw fuq it-tagħlim tagħhom kif meħtieġ. Meta naqraw dawk il-versi fejn jingħata l-kmandament tas-sawm, insibu b'mod ċar li, **"Alla jixtieq li jagħtikom faċilità u Hu ma jixtieqx tbatija għalikom."** (2:186)

Il-frażi, ***Alla ma jixtieqx tbatija għalik*****,** tindika l-prinċipju importanti ħafna li l-kmandamenti divini mhumiex maħsuba biex jikkawżaw inkwiet jew inkonvenjent iżda biex joffru konvenjenza u faċilità. Għaldaqstant, tfal żgħar m'għandhomx jitgħabbew bi tbatija li ma jkunux jifilħu għaliha. **L-aħjar età biex tibda s-sawm hija minn 15 sa 18-il sena, għax f'dik l-età wieħed isir adult u jikseb ukoll is-saħħa u t-tkabbir meħtieġ.**

# IR-RAMADAN MIL-LENTI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

## Nauman Atif, Student



ZouZou | Shutterstock

Għandi erbatax-il sena. Ir-Ramadan dejjem kellu post speċjali f'qalbi, u ninsab ħerqan li nilqgħu din is-sena. Mhux għax huwa x-xahar qabel il-festival tal-*Eid* (li nħobb assolutament ħafna), imma għax kulħadd iqum kmieni ħafna filgħodu għat-talb u biex jaqra l-Koran Imqaddes; ir-rutina fid-dar tinbidel kompletament.

Wara t-talb, il-familja kollha tpoġġi madwar il-mejda għal *Saħoor* jew *Seħri* - l-ikla ta' filgħodu kmieni qabel is-sawm. Minħabba li għadni żgħir, il- ġenituri tiegħi tawni parir biex insum għal ftit ġranet biss, u nżid in-numru ta' ġranet kull sena sakemm ikolli madwar 18-il sena. Is-sawm mhuwiex l-unika ħaġa li nistgħu nagħmlu fir-Ramadan. Fir-Ramadan noffru talb regolarment u noffru wkoll talb żejjed li jissejjaħ *Nafl* (talb voluntarju), b'aktar entużjażmu u devozzjoni. Fir-Ramadan insiru regolari ħafna fir-reċita tal-Koran Imqaddes, insiru aktar ubbidjenti lejn il-kbar, il-ġenituri u l-għalliema tagħna, nieħdu ħsieb u ninkoraġġixxu lil sħabna u l-bnedmin ta' madwarna, ngħinu lil dawk fil-bżonn u dejjem ngħidu l-verità.

Ir-Ramadan huwa xahar li fih nitgħallmu ħafna affarijiet pożittivi. Nitgħallmu u nipprattikaw id-dixxiplina. Nitgħallmu l-valur tal-ikel u napprezzaw il-fatt li dejjem ikollna ikel. **Ir-Ramadan jgħinna wkoll nippurifikaw ir-ruħ tagħna u nevitaw l-għemejjel ħżiena u d-dnub.** Bħala konklużjoni nqatta' r-Ramadan nitgħallem ħafna affarijiet tajbin u nipprevjeni lili nnifsi mid-dnubiet. Aħna lkoll umani, u lkoll nagħmlu żbalji, iżda r-Ramadan jgħinna nitgħallmu mill-iżbalji tagħna u nsiru bnedmin aħjar fil-futur.

Personalment, jien se niffoka ħafna fuq it-talb u l-qima, u se nkun qed nitlob ukoll lil Alla li Jista' Kollox għal saħħa, edukazzjoni u prosperità tajba għat-tfal kollha. Jalla l-Mulej iberikna lkoll. Ammen.

# IL-GRAZZJA TAT-TALB

Ir-ruħ umana mhi xejn mingħajr il-grazzja Divina u t-talb huwa l-mezz ta' kif tinkiseb il-grazzja Divina. It-talb għandu qawwa enormi. Jista' jibdel ponn trab f'deheb pur. Bħala Musulmani aħna nemmnu li t-talb huwa l-uniku arma tagħna biex l-isforzi tagħna jħallu l-frott u biex niksbu s-suċċessi f'ħajjitna. Il-Fundatur Qaddis tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad – il-Messija Mwiegħed[as] jgħid: ***Alla qiegħed qawwa speċjali fit-talb. Alla qalli ripetutament bis-saħħa tar-rivelazzjoni li kulma jista' jseħħ iseħħ minħabba t-talb, u bis-saħħa tat-talb biss. L-arma tagħna hija t-talb biss. M'għandi l-ebda arma ħlief it-talb.***

Huwa jkompli jfisser u jgħid:

"L-ewwel grazzja tat-talb hija li din iġġib bidla qaddisa f'persuna, u bħala konsegwenza Alla jwettaq ukoll trasformazzjoni fl-attributi Tiegħu. L-attributi Tiegħu ġeneralment ma jinbidlux iżda, għal persuna daqshekk trasformata, Huwa jġib ruħu b'mod differenti, li d-dinja mbagħad ma tintebaħx biha. Ikun jidher li Huwa sar Alla ieħor, madanakollu fil-verità ma jkun hemm l-ebda Alla ieħor. Il-verità hi li din tkun manifestazzjoni ġdida Tiegħu li turih f'dawl għalkollox differenti. Huwa f'dak il-mument li Alla, b'rispett lejn din il-bidla speċjali, iwettaq ma' dik il-persuna trasformata dak li ma jagħmilx ma' ħaddieħor. Dawn huma dawk li jissejħu mirakli.

## It-talb jista' jbiddel it-trab f'deheb

Fil-qosor, it-talb huwa l-eliżir li jibdel koċċ trab f'deheb pur. Huwa l-ilma li jnaddaf l-impuritajiet ġewwiena. B'dan it-talb l-ispirtu jdub u jiġri bħall-ilma biex jintefa' mimdud fuq l-għatba ta' Dak li hu Qaddis. Jieqaf quddiem il-preżenza ta' Alla, ibaxxi rasu u jimtedd Quddiemu. Is-*Salat* (Talb) imgħallma mill-Iżlam huma biss riflessjoni tiegħu.

Il-waqfien tal-ispirtu jfisser li hu lest biex isofri minn kull sofferenza u li jobdi kull amar f'isem Alla. Il-prostrazzjoni tal-ispirtu quddiem Alla tfisser li, biċ-ċaħda tal-imħabba u relazzjonijiet oħra, l-ispirtu dar lejn Alla u ta lilu nnifsu Lilu biss. B'din il-prostrazzjoni tal-ispirtu li sseħħ fuq l-għatba ta' Alla, u li biha huwa jkun abbanduna l-ħsibijiet personali tiegħu, l-ispirtu jitlef l-identità proprja tal-eżistenza tiegħu.




**Din hija t-talba li tgħin biex tistabbilixxi l-għaqda ma' Alla, u din hija t-talba li x-Xarija Iżlamika għażlet mit-talb ta' kuljum tas-*Salat* ħalli t-talb fiżiku jispira t-talb spiritwali.**

Alla l-Omnipotenti sawwar lill-bniedem b'tali mod li l-ispirtu jinfluwenza l-ġisem u l-ġisem fl-istess ħin jinfluwenza l-ispirtu. Meta l-ispirtu jħossu mdejjaq, l-għajnejn idemmgħu; u meta l-ispirtu jħossu kuntent, il-wiċċ jilma bil-ferħ, u wieħed anki jħoss li jkun irid jidħaq. Bl-istess mod, meta l-ġisem ikun maħkum bl-uġigħ jew bid-dwejjaq, l-ispirtu wkoll iħoss is-sofferenza. Meta żiffa friska tagħti l-ħajja lill-ġisem l-ispirtu jħossha wkoll.

## L-għan tal-qima

B'hekk, l-għan tal-qima huwa li, bis-saħħa tar-relazzjoni reċiproka bejn il-ġisem u l-ispirtu, l-ispirtu jista' joqrob lejn Dak li hu Qaddis u jinvolvi ruħu f'waqfien u f'medd spiritwali. Minħabba li l-bniedem irid iħabrek għall-progress, dan it-talb ukoll isir tip ta' tħabrik. Huwa pjuttost evidenti li meta żewġ affarijiet ikunu marbuta ma' xulxin u mmissu wieħed minnhom, l-oġġett l-ieħor jiċċaqlaq ukoll. Iżda l-waqfien, il-medd u l-prostrazzjoni b'mod fiżiku fihom infushom m'għandhomx preġju jekk sforz ma jsirx biex l-ispirtu wkoll ikun involut f'dawn il-movimenti ta' *Qiyām*, *Rukū'* u *Sajdah* [il-movimenti fit-Talb].

# IR-RELAZZJONI BLA FINI TA' ŻMIEN

Dan l-involviment jiddependi mill-għarfien veru li hu wkoll jiddependi mill-grazzja Divina. Minn mindu Alla ħalaq lill-bniedem Huwa għamilha dritt tiegħu li, bis-saħħa tal-grazzja Tiegħu biss, Huwa jbierek bl-Ispirtu Qaddis Tiegħu lil kull min jixtieq Hu. Imbagħad, bis-saħħa tal-Ispirtu Qaddis, huwa jdaħħal l-imħabba Tiegħu f'dik il-persuna, jikkonċedilu l-verità u l-perseveranza, isaħħaħlu l-għarfien tiegħu b'diversi sinjali u jwarrablu d-dgħufijiet tiegħu sakemm ikun prattikament lest biex jerħi ħajtu stess fil-mogħdija Tiegħu.

Huwa jistabbilixxi din ir-relazzjoni soda mal-Esseri Etern, ħalli l-ebda traġedja ma teqred u l-ebda xabla ma tferi, għaliex din l-imħabba la hija msejsa fuq mottivi temporanji u lanqas assoċjata max-xenqa għall-ġenna jew il-biża' mill-infern, u lanqas għandha x'taqsam mal-kumditajiet dinjin, u aktar u aktar, mal-għana u r-rikkezzi. Pjuttost din hija relazzjoni li jagħrafha biss Alla. Dak li jidher aktar stramb huwa li l-ilsir ta' din l-imħabba ma jkunx jista' jifhem in-natura vera ta' din ir-relazzjoni u lanqas jifhem ir-raġunijiet warajha għax din hija relazzjoni bla fini ta' żmien. Mhijiex ibbażata fuq l-għarfien u l-fehim spiritwali, għax dawk jiġu biss wara biex idawlu r-relazzjoni. Hija bħal nar li jinsab ġewwa ġebla iżda x-xrar jidher biss meta din tinħakk.

Persuna bħal din, minn naħa, ikollha mħabba personali lejn Alla l-Omnipotenti u, minn naħa oħra, ikollha simpatija u xewqa enormi għar-riforma tal-umanità. Għal din ir-raġuni, mhux biss tgawdi relazzjoni mad-Divin li l-ħin kollu tressaqha lejn Alla, iżda jkollha wkoll relazzjoni mal-umanità li tattira l-erwieħ imħeġġa tagħhom lejha. Hija bħax-Xemx li tiġbed is-saffi tal-art lejha u mbagħad hija stess tinġibed f'direzzjoni oħra. L-istess jiġri lil dawk in-nies li, f'terminoloġija Iżlamika, jissejħu *Nabi* (Profeta), *Rasul* (Messaġġier) u *Muhaddath* [Wieħed li hu mbierek bit-taħdit Divin]. Huma mbierka bil-komunikazzjoni u d-diskors qaddis u Divin, iseħħu l-mirakli f'idejhom, ħafna mit-talb tagħhom jinstema', u Alla l-Omnipotenti ħafna drabi jinfurmahom bl-aċċettazzjoni tat-talb tagħhom." (*Ruhani Khazain* V. 20, p. 223-225)

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**